# KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAHAR LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Web Site: www.stpaulsbay-online.com
Tel: 21585888, 21570869/70, Mobile: 99433058/9, Fax: 21583058


Minuti tat-Tmien (08) Laqgħa tas-Seba (07) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Ufficini Amministrattivi tal-istess Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 18 ta'Gunju, 2012 fil-17.30 ta' filgħaxija

Il-Laqgħa bdiet fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Is-Sur Mario Salerno (Sindku) | 17.45hrs. | 20.30hrs |
| Is-Sur Alex Bezzina (Viċi-Sindku) | 18.00hrs. | 20.30hrs |
| Il-Perit Graziella Galea | 17.45hrs. | 20.30hrs |
| Is-Sur John Bray | 17.45hrs. | 20.30hrs |
| Is-Sur Raymond Tabone | 17.45hrs. | 20.30hrs |
| Is-Sna Mandy Buhagiar | 18.30hrs. | 20.30hrs |
| Is-Sur Peter Abela | 17.45hrs. | 20.30hrs |
| Is-Sur Jason Camilleri | 17.45hrs. | 20.30hrs |
| L-Avukat Robert Anthony Piscopo | 17.45hrs. | 20.30hrs |
| Is-Sna Anne Marie Fenech | 17.45hrs. | 20.30hrs |
| Il-Perit Daniel Grima | 17.45hrs. | 20.30hrs |
| Is-Sna Jane Chircop | 18.06hrs. | 20.30hrs |
| Is-Sur Carmel Hili | 17.45hrs. | 20.30hrs |

Iċ-Ċerpersin tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad is-Sur Ray Bartolo, Ċerpersin Kumitat Amministrattiv Burmarrad, kien pereżenti għal-laqgħa.

Il-Laqgħa miftuħa.

**1. Management letter**

Inqrat mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv, George Abdilla. Graziella Galea talbet li tintalab ruling. George Abdilla osserva li din hija datata Gunju allura tgħajjat lil Mario Salerno, u lil Graziella Galea tista' tendorsja. Mario Salerno iffirma il-Management Letter u għamel nota fuq l-ittra.

2. **Punti imqajma mill-Minuti**

L-ewwel faċċata Carmel Hili imniżżel bħala Sna u Jane Chircop bħala Sur. Dawn għandhom jiġu rranġati.

**3.03** Peter Abela kien qal li r-recodings jiġu ssiġillati. Mario Salerno spejga li ser isir ir-*recording* mis-Segretarju Eżekuttiv.

Mil-lum 'il quddiem nagħmlu sistema fejn tintuża il-Live Streming u jkun aċċessibbli għal kulħadd.

Graziella Galea qalet li skont il-liġi *recoding* qiegħed għall-abbozzar tal-minuti. Il-PQ kwotata u moqrija min Graziella Galea qeda tiġi imdaħla fil-Minuti.
Mario Salerno ġibed l-attenzjoni lil Ray Bartolo.

Ray Bartolo talab kopja tal-Minuti fejn hemm ir-riżoluzzjoni li ttieħdet fuq ir-*recoding*.

Peter Abela saqsa jekk ir-*recoding* kienx issiġillat.

Mario Salerno qal li ir-*recording* qiegħed ghandu.

**3.01** Mario Salerno qal li s-Sur Andrew Ciantar ma kienx preżenti, iżda kien preżenti issa. Emenda tal-Minuti – Laqgħa sospiża sabiex jitkellem is-Sur Andrew Ciantar. Trid tiżdied li l-Avukat Robert Piscopo talab lil John J. Camilleri biex jintgħajjat Andrew Ciantar.

Il-Laqgħa mwaqqfa'.

*Is-Sur Andrew Ciantar stqarr li kien nhar it-18 ta' Diċembru 2011meta Mario Camillier ċempel lill-Barman biex jieħdu drink folla ta' madwar 150 persuna (kienu grupp ta' entertainment miġjub mill-Kunsill). Graziella Galea resqet lejh, u qaltlu biex jofri drink u qallha int taf xinti tgħid? Graziella Galea u s-Segretarju Eżekuttiv, John J. Camilleri, telqu, pero' baqa' Mario Camilleri biex jibqa' hemm. X'ħin ħarġet Graziella Galea qaltlu ara x'għandi nagħtik. Mario Camilleri qallu għamlilna ieħor, pero' qallu biex jagħmlu drink ieħor fuq il-Kunsill. Baqgħu jixorbu sas-sitta ta' filgħaxija, inxtorbu 308.70 euros. Ippreżentah lil kont lis-Segretarju Eżekuttiv John J. Camilleri.*

Il-Laqgħa miftuħa.

Jason Camilleri qal li la kien hemm kulħadd id-*drinks* jithallsu, pero' x'ħin telqet Graziella Galea, d-*drinks* kellhom jiefqu, l-Barman fil-fatt talbu il-flus, pero' kien Mario Camilleri li talab li jiqba' għaddej open bar.

Peter Abela qal li naqblu li kien hemm nuqass ta' komunikazzjoni.

Mario Salerno qal li ser ikellem lil Avukat tal-Kunsill u nieħdu parir.

Robert Piscopo qal li dan mhux pagament ta' kbir.

John Bray qali li ninkluduh mal-pagamenti u nagħlqu la kien hemm ex-Sindku u ex-Kunsillier.

Mandy Buhagiar qalet li ġimgħa u nofs ilu il-majkrofown kien qed jaħdem.

**Punt imqajjem 3.03 lahhar line** Carmel Hili caħad li din kient gidba, Ray Bartolo ressaq il-punt lill-bord tal-viġilanza 'ara item 21.01' Skont Mario Salerno is-Segretarju jitkellem mas-Sindku u jiċċekjawhom.

Mario Salerno ippropona li kien ħa jressaq għas-seduta vot ta' stmerrija lejn iċ-Cerpersin tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad illi b'emilu qed itellef il-ħin lis-sedja u dan l-aġir ser ikun ir-rapurtat lill-Ministru kkonċernat tal-Kunsill Lokali u tinħareġ mod verbali minnu twissija illi ma jistax jintilef il-ħin tas-sedja. Hu għandu il-ħin tiegħu biex jitkellem fuq il-Kumitat u ser nagħmel ħilti biex inwaqqaf dan it-telf ta' ħin. Dak li seħħ il-weekend li għadda fejn f'attiva li saret f'Burmarrrad lanqas biss kien hemm l-istemma tal-Kunsill u ħolqot konvużżjoni, dan fid-dawl li kien avżat li *poster* għandu jkollu ukoll l-istemma.

Carmel Hili issekondha.

Ray Bartolo rreferih għal-Liġi art. 8, iċ-Cerpersin għandu dritt jattendi għal-Laqgħa tal-Kunsill u jieħu sehem fid-diskussjonijiet, iżda ma jkollux dritt li jieħu sehem fid-deċiżżjonijiet. Ray Bartolo qal li għandu dritt demokratiku jitkellem skont il-liġi.

Ray Bartolo dwar l-akkuża tal-istemma – *point of order* – din derhet għall-ewwl darba l-emblema tal-KumitatAmministrattiv Burmarrad, minħabba f'hekk, iżda dak il-ħin il-*promotion* kienet diga' saret.

Mario Salerno għeddet li jekk mhux ser nimxu sew ser jissospendi il-Laqgħa.

**Vot:** **7 Favur**
**6 Kontra**

**9.10** Ann Fenech - Minuti kkoreġuti.

John Bray staqsa għaliex twaħlu t-tabelli fi Triq San Gorg, Jason Camilleri talab li għadha filgħodu jmur il-Handyman tal-Kunsill u jgħatti t-tabelli sakemm ma jkun beda ix xogħol.

Korrispondenza – Management Letter maqruha u ffirmata.

Żewġ permessi għall-mobajl kiosks.

Kopja lill-Avaukat.

George Abdilla spejgali fejn kien hemm l-akkwarju u hemm kien hemm tliet kjosks li dawn tmexxew mil-Lands. Il-Lands ħareġ permessi mingħajr ma kkonsulta mal-kunsill.

Il-Perit spjega li tal-*Bumbing Cars* kien ilu hemm jarma fil-lokal.

L-Avukat Robert Piscopo iddikjara li għandu Konflitt ta' interess għax l-applikant huwa klijent tiegħu.

Il -korrispondenza għandha tintbgħat ħamest ijiem minn qabel.

Korrispondenza Sandro Cetchuti – Wardija. Kitbu Astrid u Alex Vella – George Abdilla qara l-ittra. Ray Bartolo Kumitat Amministrattiv Burmarrad irċieva l-ittra ukoll. Il-Kumitat issuġġerixx issir laqgħa ma' Astrid Vella u Alex Vella.

Korrispondenza fuq il-Banda – Qbil fuq l-għeuq tat-toroq.

Assistenza ghall-Kunċert.

Ray Bartolo spejga li is-sena l-oħra John J. Camilleri kien kiteb lid-Dipartiment u d-DLG kiteb li la darba attivita' tittela' fi żmien il-festa ma tistgħax tingħata għajnuna.

Graziella Galea u Peter Abela qalu li huma qed jaqblu dimmet li tkun permess bil-liġi. Mario Salerno qal li għanda ngħinu din l-attivita'. Iċ-ċirkustanzi jridu jkunu legali. Il-Kunsil Lokali għandu jagħqdi d-dimensjoni kulturali fil-lokalita' u aħna għanda infittxu biex naraw kemm nistgħu ngħinu din l-attivita'. L-ammont huwa ta' 1,600 Ewro u aħna għanda naraw nistgħux insibu kif nistgħu niffrankaw. Ma nistgħux naqbzu 1,300 Ewro. L-attivita' tittella' mal-Kunsil, għajnua ta' 1,300 Ewro jekk timxi mal-Liġi.

Graziella Galea saqsiet jekk hemmx il-każini politiċi involuti – Mario Salerno qal li aħna bħala gvern lokali niġu fuq l-ghaqdiet, allura aħna għandna ngħinuhom.

Kien hemm qbil unanimu li ngħinu skemm nimxu fil-parameteri tal-liġi.

**Pagamenti**

Joe Demicoli ma attendiex għall-Festa Bdiewa.

George Abdilla saqsa fuq il-pagament ta' Curmi–fejn l-Inġinier kien qed jibagħat il-kontijiet. Il-Kunsill iddeċieda li dan is-servizz għandu jitwaqqaf.

Pagament tal-bollard FGP – Ray Bartolo saqsa fuq dan il-pagament – Mario Salerno qal li John Camilleri kien ġab il-kwotazzjonijiet u ħarġet fil-gazzetta.

Approvati il-pagamenti imtella'.

Stqarrija tas-Sindku – għandha tiġi nkluża mal-Minuti minn Mario Salerno.

Fir-rigward tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sindku qal li jerġgħu jsiru l-*interviews*, wara laqgħa mad-Direttur tal-Kunslli u Adrain Mifsud, Mario Salerno talab lil Graziella Galea jekk jinteresaħix terġa' tkun parti mill-Bord, Graziella Galea qalet li fil-Minuti hemm miktub li l-Bord huwa tat-tliet min-nies.

Mario Salerno qal li l-Bord tal-Aġġudikazzjoni huwa minn tlieta sa ħames persuni, u qed jipproponi li jkun hemm ħamsa, skont Memo 4.

Graziella Galea qalet li ma taqbilx mal-grading li kien sar, għax ma kienx korret u għax kien qed jiffavurixxi persuna partikolari.

Mario Salerno ippropona li il-Bord isir.

George Abdilla osserva li la darba kien hemm minuta fil-laqgħa ta' qabel fejn inħatar bord ta tliet min-nies, skont il-liġi dan ma għandux jiġi revedut qabel sitt xhur.

Mario Salerno stqarr li lest li jtella' dan il-kas iktar 'il fuq, u tinġibed l-attenzjoni tad-Dipartiment.

Ray Bartolo talab lis-Sindku biex iżomm mal-ħin. Talab ukol lis-Segretarju biex jagħtti ruling dwar il-hin skont il-liġi.

**Għeluq tal-Laqgħa.**

Il-Laqgħa waqfet fit-tmienja u nofs.

Laqgħa mal-Perit Farrugia - proposta ta' kjosk ta' Tanti issir diżinn aħajr – ibbażat fuq lease ta' art 25 sena, ibbażata fuq Skema tal-Gvern. Screening application tal-Mepa – żewġ *concers* – waħda mill-proposti qed titneħħa wieħed mill-aċċessi, żewġ aċċess tal-vetturi għall-isfel. Il-kjosk huwa id-diżinjat bħala qluh, fejn iż-żona tal-kjosk ser tikber minħabba l-*overhand* fejn din ser ikun hemm is-siġġijiet u mwejjed. Il-kjosk jimxi lejn ix-xellug lejn it-taraġ. Applikant qed jitlob *no objection* tal-Kunsill għall-proġett.

***Mario Salerno***
***Sindku***

09 ta' Lulju 2012

***George Abdilla***
***Aġent Segretarju Eżekuttiv.***

Ref: 55 / 6638 / 12 / OCZ